**Parlament Ewropew**
2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2021)0295

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage age" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage age" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ) (2021/2633(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) "End the cage age" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ) (ECI(2018)000004), li rċeviet 1.4 miljun firma vvalidati minn kull Stat Membru tal-UE-28 ta' dak iż-żmien u hija l-ewwel IĊE valida dwar l-annimali tar-razzett,

– wara li kkunsidra s-smigħ pubbliku dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage age" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ) tal-15 ta' April 2021,

– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali 442 bit-titolu "Attitudes of Europeans towards Animal Welfare" (L-Attitudnijiet tal-Ewropej fir-rigward tat-Trattament Xieraq tal-Annimali), li kkonkluda li 82 % taċ-ċittadini tal-UE jemmnu li l-benessri tal-annimali mrobbija fl-irziezet għandu jkun protett aħjar milli hu bħalissa,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li

---

1 ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23.
2 ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53.
3 ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7.

tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Politika Agrikola Komuni, adottata fil-5 ta' Diċembru 2018 (CDR 3637/2018),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-Agroekoloġija, adottata fil-5 ta' Frar 2021 (CDR 3137/2020),

– wara li kkunsidra l-Opinjoni Xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tal-21 ta' Novembru 2019 bit-titolu "Health and welfare of rabbits farmed in different production systems" (Is-saħħa u t-trattament xieraq tal-fniek imrobbija f'sistemi ta' produzzjoni differenti),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 dwar l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-fniek tat-trobbija[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar it-trattament xieraq tal-annimali, l-użu tal-antimikrobiċi u l-impatt ambjentali tat-trobbija industrijali tat-tiġieġa tas-simna[3],

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Evaluation of the European Union Strategy for the Protection and Welfare of Animals 2012-2015" (Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjon u t-Trattament Xieraq tal-Annimali) (SWD(2021)0077),

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 dwar il-benessri tal-annimali fl-UE,

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Novembru 2020 bit-titolu "End the Cage Age: Looking for Alternatives" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ: infittxu alternattivi),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 222(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

A. billi t-TFUE jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' IĊE;

B. billi l-importanza tal-IĊE fit-tfassil tal-inizjattivi u l-iżviluppi tal-politika tal-UE għandha tiġi rikonoxxuta, kif għandu jiġi rikonoxxut in-nuqqas ta' azzjoni biex jiġu segwiti l-IĊE preċedenti ta' suċċess;

C. billi l-Artikolu 13 TFUE jirrikonoxxi b'mod ċar l-annimali bħala esseri sensibbli; billi dan jiddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom iqisu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali meta jfasslu u jimplimentaw il-politiki

[1] ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5.
[2] ĠU C 263, 25.7.2018, p. 90.
[3] ĠU C 345, 16.10.2020, p. 28.

agrikoli tal-Unjoni;

D. billi l-istandards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali li diġà huma stabbiliti fl-UE, li huma fost l-ogħla fid-dinja, għandhom jiġu rikonoxxuti;

E. billi l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" tirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali u li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, filwaqt li tissottolinja l-benefiċċji li ġġib għall-annimali, il-kwalità tal-ikel, billi tnaqqas il-ħtieġa ta' medikazzjoni u tippreserva l-bijodiversità, u ssegwi l-aktar parir xjentifiku reċenti;

F. billi studju mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet bit-titolu "End the Cage Age: Looking for Alternatives" (Daqshekk annimali fil-gaġeġ: infittxu alternattivi) sab li fl-Ewropa jistgħu jinkisbu sistemi ta' alloġġ mingħajr gaġeġ, filwaqt li jirrakkomanda miżuri finanzjarji u ta' politika fit-terminu qasir u leġiżlazzjoni fit-tul; billi dan l-istudju jikkonferma li "the EU can make sure that animal products that do not comply with EU standards cannot be imported into the EU" (l-UE tista' tiżgura li l-prodotti tal-annimali li ma jikkonformawx mal-istandards tal-UE ma jistgħux jiġu importati fl-UE);

G. billi l-IĊE proposta tirreferi għal "mijiet ta' miljuni ta' annimali tar-razzett fl-UE […] jinżammu f'gaġeġ tul il-biċċa l-kbira ta' ħajjithom";

H. billi l-fniek huma l-annimali li l-aktar jinżammu fil-gaġeġ, b'madwar 85 % f'gaġeġ żgħar ħafna u 9 % f'gaġeġ arrikkiti, filwaqt li madwar 50 % tat-tiġieġ tal-bajd fl-UE kienu miżmuma f'gaġeġ arrikkiti fl-2019, bil-perċentwali jkunu konsiderevolment ogħla fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-Lvant, taċ-Ċentru u tan-Nofsinhar tal-UE; billi fis-settur tal-ħnieżer, il-maġġoranza l-kbira tal-ħnieżer nisa jitqiegħdu f'gaġeġ matul ċerti stadji taċ-ċiklu riproduttiv tagħhom;

I. billi l-IĊE proposta għandha l-għan li ttejjeb it-trattament xieraq tal-annimali;

J. billi ż-żamma tal-annimali fil-gaġeġ bħala sistema ta' produzzjoni tal-bhejjem oriġinat mill-konfluwenza ta' diversi fatturi, jiġifieri: il-ħtieġa li jiġu identifikati l-aħjar annimali għall-għażla ġenetika, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-iġjene, u ġestjoni aħjar li ppermettiet l-awtomatizzazzjoni, u b'hekk l-użu aktar effiċjenti ta' xogħol dejjem aktar skars biex jikkumpensa għaż-żieda fil-prezz tal-art jew fl-ispiża tal-faċilitajiet;

K. billi l-kumplessità tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali għandha tiġi rikonoxxuta; billi l-karatteristiċi ta' annimali differenti għandhom jitqiesu fit-tfassil ta' sistemi ta' alloġġ li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom;

L. billi aktar minn 300 miljun annimal tar-razzett kull sena jitqiegħdu f'gaġeġ għal ħajjithom kollha jew parti minnha, u hemm tħassib serju madwar l-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali mrobbija u miżmuma fil-gaġeġ, peress li l-annimali lanqas biss ikunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa, jiġġebbdu jew iduru, u huwa impossibbli għall-annimali miżmuma fil-gaġeġ li juru l-imġiba naturali tagħhom;

M. billi l-bdiewa għamlu investimenti kbar biex itejbu t-trattament xieraq tal-annimali, u għadhom ma rkuprawx kompletament l-investiment tagħhom; billi dawn is-sistemi ġew żviluppati b'mod konġunt mill-bdiewa, mill-veterinarji, mix-xjenzati u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex jiġi żgurat li jiġu koperti r-rekwiżiti tat-trattament xieraq ta' kull speċi;

N. billi għandhom jiġu rikonoxxuti l-isforzi xprunati mis-suq li qed jagħmlu l-bdiewa, kif ukoll il-ħtieġa li jinkiseb redditu mis-suq sabiex ikompli jsir investiment fis-sostenibbiltà;

O. billi għandu jiġi rikonoxxut ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-annimali u b'hekk li kwistjonijiet ewlenin dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali jiġu mgħoddija lil pajjiżi terzi;

P. billi l-bidla fis-sistemi ta' alloġġ għal sistemi ta' alloġġ kompletament mingħajr gaġeġ se tirrikjedi investimenti addizzjonali u twassal għal żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, speċjalment fil-bidu ta' din it-tranżizzjoni minħabba l-ispejjeż tal-investiment li l-bdiewa jkollhom iġarrbu; billi l-kwistjonijiet sanitarji fit-trobbija fl-irziezet dejjem iridu jitqiesu;

Q. billi n-nefqa kumulattiva għal bejn l-2014 u l-2020 għall-politika agrikola komuni (PAK) kif iddikjarata mill-Istati Membri fl-aħħar tal-2019 dwar il-miżura tat-trattament xieraq tal-annimali kienet tirrappreżena biss 1.15 % tal-allokazzjoni tal-PAK[1];

R. billi kwalunkwe bidla fis-sistemi ta' alloġġ għandha tikseb bilanċ bejn diversi aspetti tas-sostenibbiltà, jiġifieri t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-annimali, il-ħarsien tal-ambjent u l-kompetittività tal-bdiewa;

S. billi s-sistemi ta' alloġġ mingħajr gaġġa jeħtieġ li jipprovdu kundizzjonijiet mikroklimatiċi adegwati u jkunu xierqa għal kull reġjun ġeografiku fl-UE u għall-kundizzjonijiet klimatiċi kollha, inklużi kundizzjonijiet estremi tat-temp;

T. billi ftit Stati Membri diġà marru lil hinn mill-istandards minimi tal-UE u pprojbixxew l-użu ta' gaġeġ arrikkiti għat-tiġieġ tal-bajd, kemm gaġeġ żgħar ħafna kif ukoll dawk arrikkiti għall-fniek, jew stalel għall-ħnieżer nisa u gaġeġ tal-ħlas, filwaqt li leġiżlazzjoni li tipprevedi l-eliminazzjoni gradwali fi Stati Membri oħra għandha tidħol fis-seħħ mhux aktar tard mill-2030;

U. billi qabel ma tiġi introdotta kwalunkwe bidla fis-sistemi ta' alloġġ, għandhom jiġu vvalutati l-ispejjeż tat-trasformazzjoni meħtieġa kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil; billi valutazzjoni tal-impatt trid tqis il-ħtiġijiet tas-setturi skont l-ispeċijiet tal-annimali, inklużi kwistjonijiet ekonomiċi u sanitarji;

V. billi l-bidla fis-sistemi ta' alloġġ se żżid ir-riskju li l-annimali jxerrdu l-mard trażmissibbli u jiżviluppaw stress soċjali minħabba d-dominanza u l-kompetizzjoni, li taffettwa s-saħħa tagħhom u tista' żżid il-ħtieġa ta' medikazzjoni;

W. billi biex tiġi ffaċilitata bidla sostanzjali bħal din, għandu jiġi żgurat appoġġ xieraq għall-investiment finanzjarju u kumpens li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' produzzjoni aktar għoljin u t-telf ta' introjtu tal-bdiewa;

X. billi t-trattament xieraq tal-annimali ġie inkluż bħala objettiv speċifiku fil-politika agrikola komuni, u għalhekk l-Istati Membri jistgħu jagħmlu dan il-finanzjament

---

1 it-13-il Rapport Finanzjarju mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) - is-Sena Finanzjarja 2019, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0387&from=MT

disponibbli għat-tranżizzjoni lil hinn mill-gaġeġ, pereżempju permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;

Y. billi għandu jiġi rikonoxxut li, f'xi każijiet, xi forom ta' gaġġa għall-alloġġ iġibu aktar benefiċċji relatati mat-trattament xieraq tal-annimali milli effetti negattivi għall-annimal ikkonċernat; billi fi kwalunkwe każ, il-gaġeġ iridu jkunu proporzjonati għad-daqs tal-annimal miżmum u għall-iskop li għandu jinkiseb;

Z. billi r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Benessri tal-Annimali fl-UE nnota li l-Istati Membri għamlu biss użu limitat mill-fondi tal-politika agrikola komuni biex jindirizzaw l-objettivi tal-benessri tal-annimali;

AA. billi r-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali u t-titjib fid-daqs tal-gaġeġ ġew ipprogrammati f'diversi programmi ta' żvilupp rurali matul is-snin; billi l-objettiv tal-miżura ġie inkluż f'għadd ta' programmi b'mod awtomatiku permezz ta' miżuri li jżidu d-daqs ta' gaġġa jew ta' ċestun;

AB. billi jekk hija prevista xi bidla fl-obbligi legali għall-alloġġ tal-annimali, il-livell ta' implimentazzjoni tar-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-Istati Membri tal-UE għandu jiġi kkunsidrat, u għandu jiġi adottat approċċ fuq bażi ta' speċi għal speċi;

AC. billi l-Unjoni Ewropea timporta prodotti magħmulin minn annimali mrobbija f'kundizzjonijiet li ġeneralment ma jkunux jistgħu jiġu vverifikati;

AD. billi hemm sistemi alternattivi li huma kummerċjalment vijabbli u li diġà qed jintużaw, pereżempju sistemi ta' matmura tal-qamħ, ta' trobbija fil-miftuħ u organiċi għat-tiġieġ, imqajjel tal-art, u sistemi ta' trobbija fil-miftuħ jew organiċi fil-beraħ għall-fniek, sistemi ta' ħlas fil-miftuħ u ta' alloġġ fi gruppi fuq ġewwa u fil-beraħ għall-ħnieżer nisa, sistemi ta' matmura tal-qamħ u guva għas-summien, u sistemi ta' alloġġ fi gruppi għall-għoġġiela;

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex sal-2022 tipprovdi informazzjoni dwar il-Kontroll tal-Idoneità kontinwu tagħha tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politika dwar l-ikel aktar komprensiva biex tappoġġja l-bidla lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli li tqis id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha, b'appoġġ xieraq għall-bdiewa biex b'mod partikolari l-irziezet żgħar u ta' daqs medju ma jitħallewx jirtiraw aktar mill-produzzjoni tal-bhejjem, u biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni ulterjuri tagħha;

3. Jirrikonoxxi li l-alternattivi għat-trobbija fil-gaġeġ qed jiġu implimentati b'suċċess f'għadd ta' Stati Membri; iqis li għandhom jiġu żviluppati, imtejba u mħeġġa sistemi alternattivi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tibbaża inizjattivi ġodda dwar it-trattament xieraq tal-annimali strettament fuq riċerka xjentifika indipendenti, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe impatt negattiv possibbli, bħar-riskju ta' mard, ksur tal-għadma tas-sider jew kannibaliżmu fis-settur tat-trobbija tat-tjur;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-traspożizzjoni xierqa tad-domandi tal-IĊE "Daqshekk annimali fil-gaġeġ" fil-kuntest tar-reviżjoni attwali tad-Direttiva 98/58/KE,

u f'konformità mal-Istrateġiji tal-Patt Ekoloġiku u "Mill-Għalqa sal-Platt" tal-UE;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni telimina l-burokrazija u r-restrizzjonijiet regolatorji sabiex il-produtturi tal-bhejjem ikunu jistgħu jagħmlu l-bidliet strutturali meħtieġa fil-faċilitajiet tagħhom biex jintegraw dispożizzjonijiet ġodda dwar it-trattament xieraq tal-annimali;

7. Jisħaq li s-suq għall-prodotti tal-annimali minn sistemi ħielsa mill-gaġeġ, fil-miftuħ u organiċi, kif ukoll is-suq għal alternattivi bbażati fuq il-pjanti, qed jikber fl-UE;

8. Jinnota li l-UE introduċiet ċerti projbizzjonijiet fuq il-gaġeġ għall-annimali tar-razzett, b'mod partikolari projbizzjoni parzjali fuq iċ-ċestuni tal-vitella fl-2007, projbizzjoni fuq il-gaġeġ żgħar ħafna għat-tiġieġ li jbidu l-bajd fl-2012, projbizzjoni parzjali fuq l-imqajjel tal-ħnieżer nisa fl-2013, u projbizzjoni totali fuq il-gaġeġ fil-biedja organika kollha madwar l-UE;

9. Ifakkar li xi Stati Membri tal-UE diġà adottaw leġiżlazzjoni nazzjonali biex jipprojbixxu ċerti forom ta' biedja fil-gaġeġ li tmur lil hinn mill-istandards minimi tal-UE, li żżid l-urġenza għal leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE biex tintemm il-prattika tat-trobbija fil-gaġeġ u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa madwar l-UE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strumenti leġiżlattivi dwar il-biedja ġusta u sostenibbli, u b'mod partikolari, tipproponi reviżjoni tad-Direttiva 98/58/KE bl-objettiv li l-użu tal-gaġeġ fit-trobbija tal-annimali tal-UE jitneħħa gradwalment, filwaqt li tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' eliminazzjoni gradwali sal-2027;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li din l-eliminazzjoni gradwali tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq ix-xjenza u li jiġi żgurat perjodu ta' tranżizzjoni xieraq;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ fuq bażi ta' speċi għal speċi li jqis u jivvaluta l-karatteristiċi ta' kull annimal differenti, li għandu jkollu sistemi ta' alloġġ adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi sabiex tiżgura li dawn jissodisfaw l-istess standards tat-trattament xieraq tal-annimali u tal-kwalità tal-prodotti;

14. Jisħaq li l-fniek huma t-tieni l-aktar speċi mrobbija fl-UE f'termini ta' għadd ta' annimali, bil-maġġoranza tagħhom imrobbija f'gaġeġ bi standards ta' trattament xieraq inadegwati; jistieden lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward tipproponi leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-fniek tar-razzett;

15. Jitlob li jkun hemm ktajjen ta' provvista iqsar fin-nutrizzjoni tal-annimali u tal-bniedem, li jkunu jiddependu minn għelejjel tal-proteina prodotti lokalment jew reġjonalment għall-għalf tal-annimali u għall-konsum mill-bniedem; jinnota li l-Istrateġija "Mill-għalqa sal-Platt" tappoġġja l-produzzjoni sostenibbli tal-annimali, l-istabbiliment ta' ktajjen ta' provvista iqsar għall-prodotti tal-ikel u politika kummerċjali aktar ġusta li fiha l-istandards Ewropej jieħdu pożizzjoni aktar prominenti;

16. Jirrikonoxxi l-passi pożittivi li saru mill-UE f'dawn l-aħħar snin, bit-titjib komprensiv tal-kundizzjonijiet tat-trattament xieraq tal-annimali, l-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet fuq il-gaġeġ għal ċerti annimali tar-razzett, u l-projbizzjoni tal-gaġeġ fil-biedja organika kollha;

17. Jilqa' l-aħjar prattiki diġà implimentati minn diversi Stati Membri bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur lil hinn mill-istandards minimi tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, jiġifieri l-projbizzjoni fuq ċerti forom ta' biedja fil-gaġeġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jadottaw malajr miżuri li jippromwovu s-sostituzzjoni tat-trobbija fil-gaġeġ b'sistemi alternattivi mingħjr gaġeġ;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-bdiewa fl-isforzi tagħhom biex itejbu t-trattament xieraq tal-annimali, b'mod partikolari bħala parti mill-Patt Ekoloġiku tal-UE, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", sabiex jiġu evitati telf ta' kompetittività u rilokazzjoni sussegwenti tal-produzzjoni tal-UE lejn pajjiżi mhux tal-UE b'ambizzjonijiet aktar baxxi għat-trattament xieraq tal-annimali; jemmen li s-sistemi ta' produzzjoni kollha tal-UE għandhom jingħataw l-opportunità li jinvestu fis-sostenibbiltà u t-trattament xieraq tal-annimali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex tipprojbixxi t-tmigħ krudili u bla bżonn ta' papri u wiżż għall-produzzjoni tal-foie gras;

20. Jistieden lill-Istati Membri jgħinu lill-bdiewa u lin-nissiela billi jipprovdu pariri u taħriġ, jekk ikun meħtieġ, sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal sistemi mingħajr gaġeġ;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu kontrolli effettivi u kontrolli doganali sabiex tiġi żgurata r-reċiproċità tar-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza u tal-istandards tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea fis-suq globali għall-prodotti agroalimentari kollha importati fl-UE;

22. Itenni l-importanza ta' kapitoli infurzabbli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE bħala mezz biex jiġi ggarantit li l-ambizzjonijiet regolatorji akbar tal-UE jkunu konsistenti mal-politika kummerċjali tal-UE, u li l-pajjiżi terzi li ffirmaw ftehimiet kummerċjali mal-UE jkunu konformi magħhom;

23. Jissottolinja li l-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għandhom iqisu wkoll l-istandards ta' produzzjoni ekwivalenti, b'mod partikolari t-trattament xieraq tal-annimali;

24. Iqis li politika tal-kummerċ ġust li tiżgura kundizzjonijiet ekwi hija prekundizzjoni għal standards Ewropej ogħla; iħeġġeġ, għalhekk lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha rigward il-kontrolli fuq il-prodotti tal-ikel importati;

25. Jinsisti li l-prodotti kollha tal-annimali importati fl-UE għandhom jiġu prodotti f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż dwar l-użu ta' sistemi ta' biedja mingħajr gaġeġ;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ suffiċjenti u perjodu ta' tranżizzjoni għall-adattament progressiv tal-bdiewa u tan-nissiela tal-bhejjem, li jqis iċ-ċiklu ta' investiment tal-bdiewa, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' finanzjament bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni, filwaqt li jinżammu l-kompetittività u r-reżiljenza soċjali tas-settur agroalimentari tal-UE;

27. Jemmen li dan l-appoġġ u perjodu ta' tranżizzjoni għandhom jiġu żgurati qabel ma tiġi proposta kwalunkwe bidla leġiżlattiva għall-garanziji sanitarji tal-annimali u tal-

bniedem u għall-protezzjoni tal-ħaddiema, sabiex jiġu evitati l-abbandun tal-art u l-irtirar ulterjuri mill-produzzjoni tal-bhejjem (speċjalment minn irziezet żgħar u ta' daqs medju mingħajr ir-riżorsi biex ikun hemm adattament kif xieraq);

28. Itenni li l-Kummissjoni jeħtieġ li tappoġġja lill-bdiewa fl-edukazzjoni tal-konsumaturi u fil-komunikazzjoni tagħhom dwar standards għoljin attwali tat-trattament xieraq tal-annimali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprevedu appoġġ finanzjarju u gwida xierqa biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-bdiewa Ewropej ikkonċernati;

29. Jisħaq li s-settur tal-bhejjem huwa dinamiku ħafna u kapaċi jadatta għall-bidliet kemm fil-leġiżlazzjoni kif ukoll fil-preferenzi tal-konsumaturi; jissottolinja, madankollu, li sabiex isir dan, jeħtieġ li jiġi ppremjat għall-isforzi tiegħu b'għajnuna diretta, sabiex is-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-vijabbiltà tal-irziezet ma jiġux ipperikolati;

30. Jisħaq fuq l-importanza ġenerali ta' distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż u tal-benefiċċji fil-katina alimentari u r-rwol tas-suq biex il-bdiewa jkunu jistgħu jsiru aktar sostenibbli; iqis f'dan ir-rigward li tikketta volontarja dwar it-trattament xieraq tal-annimali tkun xierqa biex tindika l-impenn tal-katina mill-għalqa sal-platt biex tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-IĊE "Daqshekk annimali fil-gaġeġ", filwaqt li tiżgura pprezzar adegwat;

31. Jisħaq fuq l-importanza li l-bdiewa jiġu appoġġjati u jingħataw għajnuna biex jimxu lejn biedja aktar sostenibbli billi jipprovdu servizzi ta' konsulenza u ta' taħriġ adegwati, inċentivi u programmi finanzjarji biex jappoġġjaw il-livell ta' għajxien tagħhom u l-kompetittività tagħhom fiż-żoni rurali, filwaqt li tiġi promossa l-organizzazzjoni tal-investimenti u tal-katina alimentari, jisaħħu proċessuri lokali żgħar u tiġi appoġġjata katina tal-provvista qasira;

32. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali b'mod internazzjonali u twettaq inizjattivi bil-għan li żżid is-sensibilizzazzjoni fost il-pajjiżi mhux tal-UE, inkluż permezz ta' miżuri bħal assistenza reċiproka ulterjuri u skambju aċċellerat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha u f'pajjiżi mhux tal-UE;

33. Ifakkar li l-irziezet tal-bhejjem huma postijiet innovattivi, li jinvestu b'mod kostanti fit-titjib tal-infrastruttura u tal-prattiki tagħhom biex iżommu mal-aktar evidenza xjentifika reċenti u mal-aspettattivi tal-konsumaturi;

34. Jitlob li jiġi żviluppat suq tad-domanda xieraq li fih ikun possibbli li l-prodotti kollha prodotti bi standards ta' kwalità ogħla jiġu kkummerċjalizzati bi prezzijiet ogħla;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta programmi ta' konverżjoni possibbli għal eliminazzjoni gradwali aktar rapida tat-trobbija tal-gaġeġ, inkluża valutazzjoni tal-ispejjeż ta' segwitu;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.